Nru. 17,655
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 20 ta' Settembru, 2004
Monday, 20th September, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 997

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,652 u 17,654 ta' l-14 u tas-17 ta' Settembru, 2004 rispettivament.

A.L. Nru. 407 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Att Nru. II ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Bastimenti tas-Sajd.

A.L. Nru. 408 ta' l-2004: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 409 ta' l-2004: Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolament dwar l-Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali).

A.L. Nru. 410 ta' l-2004: Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tħassir ta' diversi Regolamenti dwar it-Telekomunikazzjoni.

A.L. Nru. 411 ta' l-2004: Att ta' l-2004 biex Jemenda Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni (Att Nru. VII ta' l-2004); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 412 ta' l-2004: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2004 dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali).

GOVERNMENT NOTICES

No. 997

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,652 and 17,654 of the 14th and the 17th September 2004 respectively.

L.N. No. 407 of 2004: Fisheries Conservation and Management Act, 2001 (Act No. II of 2001); Fishing Vessels Regulations, 2004.

L.N. No. 408 of 2004: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Association) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2004.

L.N. No. 409 of 2004: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Tourism Operations (General) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 410 of 2004: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Telecommunications (Repeal of Various Regulations) Regulations, 2004.

L.N. No. 411 of 2004: Communication Laws (Amendment) Act, 2004 (Act No. VII of 2004); Commencement Notice.

L.N. No. 412 of 2004: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 413 ta' l-2004: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2004 dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 414 ta' l-2004: Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk (Kap. 315); Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku.

L-20 ta' Settembru, 2004

L.N. No. 413 of 2004: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations, 2004; Notice of coming into force.

L.N. No. 415 of 2004: Income Tax Exemption (Philanthropic Work) Notice 2004.

20th September, 2004

Nru. 998

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-5 sal-11 ta' Settembru 2004, iż-żewġ dati inklużi.

L-20 ta' Settembru, 2004

No. 998

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Anthony Barbara, Assistant Attorney General, to act as Attorney General from 5th to 11th September 2004, both days inclusive.

20th September, 2004

Nru. 999

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn is-16 u t-18 ta' Settembru, 2004, iż-żewġ dati inklużi, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

L-20 ta' Settembru, 2004
(MJ/207/89/VII)

No. 999

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, has designated the Hon. Mr Justice Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 16th and the 18th September, 2004, both days inclusive, during the absence of His Honour the Chief Justice.

20th September, 2004

Nru. 1000

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U TA' L-AMBJENT

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data ta' meta jagħlqu s-sottomissjonijiet ta' Programmi ta' Operat minn Għaqdiet ta' Produtturi, kif provdut bir-Regolamenti 9 u 10 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u Frott, (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004), ġiet estiża sal-15 ta' Ottubru, 2004.

L-20 ta' Settembru, 2004

No. 1000

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

IT is hereby notified for general information that the closing date for the submission of Operational Programmes by Producer Organisations, as provided for in Regulation 9 and 10 of the Fruit and Vegetable Producer Organisation Regulations, 2004 (Legal Notice 63 of 2004), has been extended to 15th October 2004.

20th September, 2004

Nru. 1001

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (VAT)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1001

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (VAT)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr George Catania	Direttur Ġenerali *Director General*	VAT *VAT*	07-11.09.2004

L-20 ta' Settembru, 2004

20th September, 2004

Nru. 1002

TAQSIMA PROPRJETÀ TAL-GVERN DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Bejgħ ta' Dirett Dominju ta' Proprjetà Residenzjali

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf li l-bejgħ tad-Dirett Dominju ta' dawk il-proprjetajiet residenzjali proprjetà tal-Gvern li l-emfitewsi bdiet qabel il-21 ta' Ġunju 1979 u hi għal aktar minn tletin (30) sena, se jsir bl-istess kundizzjonijiet li qiegħed jinbiegħ id-Dirett Dominju ta' dawk il-proprjetajiet li huma tal-Gvern u qabel kienu jappartjenu lil xi Entitajiet Eklesjastiċi.

A.V. Mamo
Kummissarju ta' l-Artijiet

No. 1002

GOVERNMENT PROPERTY DIVISION LAND DEPARTMENT

Purchase of Directum Dominium of Residential Property

THE Commissioner of Land notifies that as regards the purchase of the Directum Dominium of government-owned residential property originating prior to 21st June 1979 for a period of more than thirty (30) years, the conditions of sale currently applicable to government property formerly belonging to Ecclesiastical Entities shall also apply in such purchases.

A.V. Mamo
Commissioner of Land

Nru. 1003

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Avviż ta' Applikazzjonijiet li għandhom bżonn stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

No. 1003

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The applications is set out by locality and includes the PA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt

Floriana/Valletta	PA1149/03	Bini ta' sistema ta' funikular bejn l-iskema tal-park and ride, Floriana, it-terminal għall-vapuri tal-passiġġieri u l-Belt Valletta. Is-Sur Chris Falzon f'isem Viset Malta plc, 45, 46, Pinto Road, Valletta VLT01
Floriana/Valletta	*PA1149/03*	*Construction of a cable car system to link park and ride scheme, Floriana, the sea passenger terminal and Valletta.* *Mr Chris Falzon on behalf of Viset Malta plc, 45, 46, Pinto Road, Valletta VLT01*

L-20 ta' Settembru, 2004

20th September, 2004

Nru. 1004

AĠENZIJI TA' L-IMPIEG BIL-LIĊENZA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Aġenziji ta' Impieg li jidhru hawn taħt ingħataw liċenza mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg skond paragrafu 6 tar-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Aġenziji ta' l-Impieg b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004.

No. 1004

LICENSED EMPLOYMENT AGENCIES

IT is notified for general information that the Employment Agencies listed below have been issued with a licence by the Director of Industrial and Employment Relations in terms of paragraph 6 of the Employment Agencies Regulations, 1995 as at 1st September, 2004.

Nru. ta' l-Aġenzija ta' l-Impieg *Employment Agency No.*	Isem ta' min għandu Liċenza *Name of Licensee*
1-95	Crown Advertising Ltd.
2-95	Misco Ltd.
3-95	Personnel Resources Ltd.
4-95	HRD Consultancy Services and Co
6-95	Commercial Services Bureau Ltd.
7-95	Secretarial Services Ltd
8-95	Pricewaterhousecoopers
12-95	KPMG Consulting Limited
13-95	Medserv Ltd.
14-96	Deloitte & Touche Consultants Ltd.
15-96	Universal Publicity Services Ltd.
16-96	Ernst and Young
17-96	BDO - Attard Buttigieg Psaila & Co
18-96	Grant Thorton
19-96	People & Co. Ltd.
21-96	Malta Hotel & Catering Services Ltd.

22-97	CPS Consulting Ltd.
24-98	Bayswater International Co. Ltd.
26-98	Outlook Coop - Management & Communications
29-99	M. Fsadni & Associates
30-99	TGS Co. Ltd.
31-99	Marmara Camilleri & Co.
32-00	Francis J. Vassallo & Associates Ltd.
33-00	Business Process Consulting Ltd.
35-00	Innovative Travel Services Ltd.
36-00	HLB Falzon & Falzon
39-01	Ableman International Ltd.
40-01	Unique Travel Ltd.
41-01	Baltimore Consulting Ltd.
44-02	Andrew Galea & Associates
45-03	Regency Recruitment Services
46-03	Lex Consulta International Ltd
47-03	Santucci & Brown International Ltd
48-04	F.A.C.T. Consulting Ltd
49-04	Attard Giglio + Co

L-20 ta' Settembru, 2004

20th September, 2004

Nru. 1005

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1005

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Onovo Ferdinand	22962 (A)	215, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta
Alfred Attard	491943 (M)	"The White House", Triq l-Oleandru, San Ġiljan
Kevin Borg	468282 (M)	149, Triq Żekka, Valletta
Joseph Zerafa	300854 (M)	16, "Danrobelle", Triq Għar Barka, Rabat
Joseph Musù	381868 (M)	44, Triq San Lawrenz, Birgu
Godfrey Schembri	538361 (M)	7, Blokk 5B, Triq is-Sur, Isla
Gratian Francica	33286 (M)	12, "Geocar", Triq ta' Pompei, Marsaxlokk
Mario Schembri	502073 (M)	20, "Sparrow Hawk", Triq Sebastjan Saliba, Għaxaq

Gabriel Joseph Mary Scicluna	243963 (M)	61, Triq Santa Marija, Għaxaq
Roberto Chiappa	343883 (M)	7, "Casa Juve", Triq Ġużepp Barbara, Għaxaq
Clayton Zammit	59285 (M)	70, Triq Carini, Santa Venera
Ludwig Brincat	82681 (M)	134, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera
Carmelo Oliveri	21899 (A)	289, Triq F. S. Caruana, Birkirkara
Lawrence Attard	311591 (M)	113, "San Ġuda", Triq il-Farfett tal-Fejġel, Żabbar
Michael Tanti	154386 (M)	"Marcath", Triq San Ġorġ, Safi
René Ellul	538083 (M)	"Ioannes", Triq Emanuel Spiteri, Rabat
Christian Micallef	409384 (M)	58, "Roses", Triq il-Falkunier, Żejtun
Melvin Castagna	502678 (M)	1, "Piscies", Triq Erminia Cilia Abela, Żabbar
Mario Kennaugh	22752 (M)	7, "Victoria", Sqaq Żbibu, San Ġwann
Angelo Caruana	256083 (M)	8, "Tessang", Triq San Mattew, Qrendi
Pauline Camilleri	435056 (M)	22, Triq l-Isptar, Rabat

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjataghha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-20 ta' Settembru, 2004

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

20th September, 2004

Nru. 1006

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3207/2002 Pt 12	Philip Pisani	'Bargain Hunt' 27, Triq il-Parroċċa Siġġiewi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.4	13.09.04
CD/3209/2004 Pt 308	Jean Paul Tabone	The Eye Care Centre 74, Triq il-Wied Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.2 52.48.13	16.09.04
CD/3209/2004 Pt 309	Ray Farrugia	Ray's Butcher 186, Triq Zerafa Marsa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.22	16.09.04
CD/3209/2004 Pt 311	Antoine Galea	Hairdressing & Beauty Care 'Hairvanity' Shop 4, Triq Ġużeppi Xuereb Swatar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021 93.022	16.09.04

No. 1006

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 313	Christian Bajjada	Dragon's Den Dojo Sports Club Triq Ġwann Mamo Luqa	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	92.6	16.09.04
CD/3209/2004 Pt 314	Robert Gauci	'Pastaluovo' 14, Triq il-Kappella San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	10.09.04
CD/3209/2004 Pt 315	Mariosa Camilleri	Mystera Hair Salon Triq Tumas Fenech Birkirkara	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	16.09.04
CD/3209/2004 Pt 318	George Caruana	'Diadora' 92B, Triq il-Palma Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	16.09.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

L-20 ta' Settembru, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

20th September, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

• *Junior Lyceum* tas-Subien Tas-Sliema, Triq Blanche, Tas-Sliema *(Annexe* mal-*Junior Lyceum* tas-Subien, il-Ħamrun).

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.81,8 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *part-time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess Skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut fl-Artikolu 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impjieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a Part-time basis to perform duties at the following School:

• Sliema Boys' Junior Lyceum, Triq Blanche, Sliema (Annexe to Ħamrun Boys' Junior Lyceum).

2. Remuneration will be at a rate of Lm 1.81,8 for every hour worked. Part-time Clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time Clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. Candidates must:

a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Government not below the grade of Clerk;

d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-*ECDL*;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom jafu kif meħtieġ f'dan il-qasam.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l- għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni);

f) ikunu ta' età ta' 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-*computer* jew jiġu kkonfermati li jkollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-*ECDL*, indikati f'paragrafu 7 ċ(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adattati għall-post ta' skrivan *part-time*.

10. Il-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela' skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Ottubru, 2004.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa

d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7c(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the posts of part-time clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 8th October, 2004.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with

mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbaghtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-20 ta' Settembru, 2004

an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

20th September, 2004

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2004
Jannar	102.20
Frar	102.23
Marzu	102.66
April	103.32
Mejju	103.13
Ġunju	103.62
Lulju	104.14
Awissu	103.25

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Lulju 2004*	*Awissu 2004*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħut frisk u ffriżat	110.00	138.50	0.17
Frott frisk u ffriżat	122.83	110.07	-0.19
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ tan-nisa	86.03	69.98	-0.30
Ħwejjeġ tal-bniet	89.45	71.79	-0.17
Ħwejjeġ ta' l-irġiel	92.25	74.25	-0.26
Ħwejjeġ tas-subien	93.36	81.28	-0.10
Żraben tan-nisa	90.01	83.77	-0.07
Żraben ta' l-irġiel	96.28	91.31	-0.04

L-20 ta' Settembru, 2004

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2004
January	102.20
February	102.23
March	102.66
April	103.32
May	103.13
June	103.62
July	104.14
August	103.25

Items causing most change:–

Items	*July 2004*	*August 2004*	*Effect on Index*
Food			
Fish, fresh or chilled	110.00	138.50	0.17
Fruits, fresh or chilled	122.83	110.07	-0.19
Clothing and Footwear			
Women's outwear	86.03	69.98	-0.30
Girl's outwear	89.45	71.79	-0.17
Men's outwear	92.25	74.25	-0.26
Boy's outwear	93.36	81.28	-0.10
Women's footwear	90.01	83.77	-0.07
Men's footwear	96.28	91.31	-0.04

20th September, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova

L-Istitut Marittimu ta' l-MCAST qed joffri Kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova għal sena fuq bażi *full-time* (jibda lejn l-aħħar ta' Settembru 2004) għal persuni li bi ħsiebhom japplikaw għall-kors li jwassal għal Uffiċjal Inkarigat min-*Navigational Watch* jew kwalifika ta' *Engineering Watch*, iżda li għalissa għad m'għandhomx il-ħtiġiet kollha akademiċi tad-dħul biex jibdew il-kors.

Persuni 'l fuq minn 15-il sena u disa' xhur, li għandhom minimu ta' erba' (4) *SEC/O level passes* fi Grad 5/C (wieħed mis-suġġetti offruti jrid ikun il-Lingwa Ingliża), jistgħu japplikaw għall-kors. Jistgħu japplikaw għall-kors persuni li għad m'għandhomx il-*passes* meħtieġa fis-suġġetti obbligatorji tal-Matematika u /jew Fiżika. L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jagħmlu Eżami Mediku, eżami ta' Xeħta Fiżiku u Intervista, qabel ma ssir l-għażla u jinbeda l-kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova.

Il-kandidati magħżula jsegwu kors ta' tagħlim biex jiksbu *pass* fis-*SEC/O level* fi Grade5/C jew aħjar fil-Fiżika u Matematika. Huma jagħmlu wkoll kors nawtiku bi preparazzjoni għall-kors li jwassal għad-dħul bħala Uffiċjali Kadetti. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Istitut Marittimu ta' l-MCAST, Villa Portelli, Triq Marina, il-Kalkara CSP 11. Tel: 21 806467/8, Fax: 21809057, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

e-mail address: www.mcast.edu.mt

L-20 ta' Settembru, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Probationary Officer Cadet Course

The MCAST Maritime Institute will be offering a one-year full-time Probationary Officer Cadet Course (commencing towards the end of September 2004) for persons intending to apply for the course leading to Officer-In Charge of a Navigational Watch or an Engineering Watch qualification, but who do not as yet possess all the academic entry requirements to commence the course.

Persons above the age of 15 years 9 months, who are in possession of a minimum of four (4) SEC/O level passes at Grade 5/C (one of the subjects offered must be English Language), may apply for the course. The course is open to persons who do not yet possess entry-level passes in the required mandatory subjects of Mathematics and/or Physics. All applicants will also be subjected to a Medical Test, a Physical Aptitude test and an Interview, prior to selection and commencement of the Probationary Officer Cadet course.

Selected candidates will follow a course of instruction in order to achieve a pass at SEC/O level at Grade5/C or better in Physics and Mathematics. They will also follow a nautical course in preparation for the course leading to entry as Officer Cadets. Further information may be obtained from the MCAST Maritime Institute, Villa Portelli, Marina Street, Kalkara CSP 11. Tel: 21 806467/8, Fax: 21809057, during normal office hours.

e-mail address: www.mcast.edu.mt

20th September, 2004

AVVIŻ TAR- REĠISTRU TAL-KUMPANNIJI

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf illi b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004, id-dikjarazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma':–

a) dokumenti konsenjati, mogħtija jew notifikati lilu għar-reġistrazzjoni;

b) ċertifikati maħruġa minnu wara r-reġistrazzjoni, bdil ta' isem, bdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà; u

c) tħassir ta' isem ta' soċjetà mir-reġistru;

liema dikjarazzjonijiet huma meħtieġa li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 (1)(e) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll skond

NOTICE OF REGISTRY OF COMPANIES

The Registrar of Companies hereby notifies that with effect from the 1st September 2004, all statements relating to:–

(a) documents delivered, given or served on him for registration;

(b) certificates issued by him on the registration, change of name, conversion, amalgamation or division of a commercial partnership; and

(c) the striking off the register of the name of a commercial partnership;

which statements are required to be published in the Government Gazette in terms of article 401 (1)(e) of the Companies Act 1995 and also in terms of the relevant provisions of the

id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, 1962 u l-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations,* 2004 huma, bis-saħħa ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ippubblikati u qegħdin fl-*internet web-site* uffiċjali tar-Reġistratur tal-Kumpanniji: **http://registry.mfsa.com.mt**

Il-pubbliku jista' jara kopja stampata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kumpanniji fl-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Ħ'Attard.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

L-1 ta' Settembru, 2004

Commercial Partnerships Ordinance, 1962 and the Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 are, by virtue of article 16 of the Interpretation Act, published and available on the official internet web-site of the Registrar of Companies at: **http://registry.mfsa.com.mt**

A hard copy of all such statements is available for public inspection during office hours at the premises of the Registry of Companies at the Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Attard.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

1st September, 2004

RADD TA' FLUS B'KUXJENZA

L-*Accountant General* jgħarraf illi fl-10 ta' Settembru 2004 irċieva s-somma ta' Lm10 bħala radd ta' flus b'kuxjenza.

L-20 ta' Settembru, 2004

CONSCIENCE MONEY

The Accountant General acknowledges the receipt of the amount of Lm10 on 10th September 2004 as conscience money.

20th September, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 101/2004. Disinjar u bini ta' impjant għat-trattament ta' waste water urban f'Ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, Malta – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (450 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. – *Ref. EuropeAid/117155/D/W/MT. National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.*

CT 214/2004. *Silt dredging* fil-Kanal Sukkursu f'Tas-Salini, Burmarrad - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 215/2004. Provvista ta' *multipacks* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 216/2004. Kampanja ta' informazzjoni għas-sena 2004/2005 - Dipartiment tat-Taxxi Interni.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd September, 2004, for:

CT 101/2004. Design and construction of an urban waste water treatment plant at Ta' Mġarr ix-Xini, limits of Għajnsielem, Gozo, Malta – Ministry for Gozo. A fee of Lm200 (450 Euros) will be charged for each copy of tender document. E.U. Project – Ref. EuropeAid/117155/D/W/MT. National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

CT 214/2004. Silt dredging at the Sukkursu Channel at the Salini, of Burmarrad - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 215/2004. Supply of multipacks - Department of Health.

CT 216/2004. Information campaign for the year 2004/2005 - Inland Revenue Department.

CT 217/2004. Provvista ta' *airconditioning* għar-Residenza San Vinċenz de Paule (Swali tan-Nisa 9 u 10) - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 222/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates* u *hollow sections* għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 223/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' żraben tal-mixi għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 189/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *ceftriaxone 2g* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 190/2004. Provvista ta' pilloli *simvastatin 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 191/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *goserelin 10.8mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 192/2004. Provvista ta' *beclomethasone 500mcg inhaler* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 193/2004. Provvista ta' *statin preparations* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 194/2004. Provvista ta' pilloli *carvedilol 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 195/2004. Provvista ta' *dextrose 5% x 1000ml IV infusion fluid BP/EP* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-30 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 221/2004. Kiri ta' akkomodazzjoni għall-uffiċini - Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 224/2004. Twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' kolonni fiċ-*Child Development Assessment Unit (CDAU)* ta' l-Isptar San Luqa - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-5 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 196/2004. Provvista ta' *sterile solutions for continuous renal replacement therapy* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 217/2004. Supply of airconditioning for St Vincent de Paule Residence (Female Ward 9 and 10) - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 222/2004. Period contract for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 223/2004. Period contract for the supply of walking shoes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th September, 2004, for:

CT 189/2004. Supply of ceftriaxone 2g injections - Department of Health.

CT 190/2004. Supply of simvastatin 10mg tablets - Department of Health.

CT 191/2004. Supply of goserelin 10.8mg injections - Department of Health.

CT 192/2004. Supply of beclomethasone 500mcg inhaler - Department of Health.

CT 193/2004. Supply of statin preparations - Department of Health.

CT 194/2004. Supply of carvedilol 25mg tablets - Department of Health.

CT 195/2004. Supply of dextrose 5% x 1000ml IV infusion fluid BP/EP - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 30th September, 2004, for:

CT 221/2004. Lease of office accommodation - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of Lm5 will be charged for each copy of tender document.

CT 224/2004. Demolition and re-construction of columns at the Child Development Assessment Unit (CDAU) at St Luke's Hospital - Department of Health. A fee of Lm5 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th October, 2004, for:

CT 196/2004. Supply of sterile solutions for continuous renal replacement therapy - Department of Health.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 212/2004. Provvista ta' *strips* biex ikejlu l-glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 232/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *starter batteries* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 213/2004. *Desktop services – Malta Information Technology Training Services*. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (60 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

(*Briefing Session* se ssir il-Ġimgħa, is-17 ta' Settembru, 2004 fl-10.00 a.m. fil-MITTS Ltd.)

CT 218/2004. Provvista ta' kapsoli *cyclosporin 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 225/2004. Bini ta' *maisonettes, terraced house* u garaxxijiet taħt l-art fuq *Plots* 4 u 5, Triq il-Kastellan, iż-Żejtun – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 226/2004. Provvista ta' *straight/angled radio focus guide wire* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 227/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *altracurium besylate 25mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 228/2004. Provvista ta' pilloli *carbamazepine 400mg CR* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 231/2004. Provvista u stallazzjoni ta' *goods/passenger lift* għall-*Backstage,* 81, Triq Zekka, Valletta – Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Ottubru, 2004, għal:

CT 233/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *noradrenaline acid tartrat 2mg/ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 234/2004. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 50mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th October, 2004, for:

CT 212/2004. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

CT 232/2004. Period contract for the supply of starter batteries to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th October, 2004, for:

CT 213/2004. Desktop services – Malta Information Technology Training Services. A fee of Lm25 (60 Euros) will be charged for each copy of tender document.

(Briefing Session is to be held on Friday, 17th September, 2004 at 10.00 a.m. at MITTS Ltd.)

CT 218/2004. Supply of cyclosporin 100mg capsules - Department of Health.

Illi fix-xhieda mressqa mill-atturi appellati jirriżulta illi l-attur ipprova jallega illi fil-fatt kien hemm mandat da parti ta' l-appellant nomine sabiex l-istess Cauchi jħallas lil dan il-mastrudaxxa għax-xogħlijiet li kien wettaq; iżda dan assolutament ma ġiex ippruvat u lanqas ma rriżulta minn xi xhieda oħra li ġew prodotti;

.....Omissis.....

Illi l-appellant nomine umilment jistqarr illi ma jistgħax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti għalkemm tesprimi d-dubbji tagħha dwar jekk dan il-kont tħallasx, xorta waħda

forward his grievance as regards the decree of the Honourable First Court of the 12th July 2001, where the same Court upheld the demand contained in the preliminary application of the plaintiffs so that the appellant nominee be introduced as a defendant, in this cause by simply correcting the records of the cause, by inserting after the name of the defendant Taha Hussein Kuymizakis wherever it recurs, the words 'in his own name and as well as mandatory of the absent Hamdi Abdul Al Tulti'

.....Omissis.....

Thus, it is the humble submission of the appellant, that the procedure which should have been followed by the plaintiffs, is that contained in article 961 et sequitur of Chap 12, whereby the third person called into the suit enjoys also the right to bring forward, pleas, separately from those of the defendants already present in the cause, which right, was not upheld by the Honourable First Court when it upheld the plaintiff's claim as brought forward in the preliminary application.

.....Omissis.....

For the reasons premised, it is the humble opinion of the appellant nominee that the decree of the 12th July 2001 is mistaken and should be revoked in toto.

2. That, as regards the merit and without prejudice to the above the appellant feels aggrieved by the decision of the Honourable First Court, as he was ordered to pay the sum of Lm1,358.75 to the plaintiffs as payments for woodwork, carried out that the plaintiff is alleging to have paid as delegated by the appellant, which mandate is contested by the same appellant and as regards which the appellants brought forward no proof;

.....Omissis.....

That effectively the appellant was not satisfied by the works carried out, and thus if there was not the respondent plaintiff, he would not have paid the same carpenter till the work was not carried out as agreed;

.....Omissis.....

That from the evidence brought forward by the respondent plaintiffs it results that the plaintiff tried to allege that in fact there was a mandate on the part of the appellant nominee so that the same Cauchi, pays this carpenter for works he had carried out; but this was absolutely not proved and does not result from other evidence that was produced;

.....Omissis.....

That the appellant nominee, humbly declares that he cannot understand how the Honourable Court of First Instance, although expressing its doubts as to whether this bill was paid,

tordna lill-appellant nomine sabiex iħallas l-istess kont lil terza persuna ossija lill-atturi, illi fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma ressqu l-iċken prova sew illi kellhom mandat sabiex iħallsu lill-mastrudaxxa għal xi xogħlijiet li kienu saru u sew illi tali ħlas kien effettivament sar minnhom.

.....Omissis.....

Minn dan il-fatt, jemerġi bħala prova ċara illi l-attur qatt ma kellu mandat mingħand l-esponent.

.....Omissis.....

Illi fil-ġurisprudenza nostrana tgħallimna illi min qed jallega mandat għandu l-oneru illi jipprova tali mandat. Kif jinsab preċiżat, m'hemmx kwestjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat għandu l-oneru fuqu li jipprovah. Hekk qalet il-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali, fis-sentenza fl-ismijiet 'Ethel Farrugia vs Albert Von Brockdorff noe' deċiża fil-5 ta' Frar 1971; u fis-sentenza mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'George Debono noe vs Edgar Pugliesevich noe', fid-9 ta' April 1976. Illi fil-każ odjern, l-attur appellat ma ġab l-ebda prova illi huwa kellu l-mandat illi jħallas lil Galea għax-xogħlijiet li kien għamel;

.....Omissis.....

Illi finalment l-esponent umilment jissolleva illi ai termini ta' l-Artikolu 1864 tal-Kodiċi Ċivili, il-liġi tissanzjoni illi l-mandatarju ma jista jagħmel xejn li joħrog mill-limiti tal-mandat, u li l-mandanti ai termini ta' l-Artikolu 1880(2) tal-Kodiċi Ċivili mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat. Din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet 'Carmen Aquilina et vs Edgar Ellul et' deċiża fis-17 ta' Marzu 2003 (29/1995PS).

.....Omissis.....

Għaldaqstant l-appellant nomine, filwaqt illi jagħmel riferenza għall-atti kollha ta' din il-kawża u għax-xhieda miġjuba u jirriżerva illi jressaq għal dawk il-provi u sottomissjonijiet l-oħra premessi lilu skond il-Liġi, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, fl-ewwel lok tannulla u tirrevoka d-digriet mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-12 ta' Lulju 2001, illi permezz tiegħu l-istess Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet attriċi sabiex issir il-korrezzjoni mitluba fir-rikors promotur attriċi tal-21 ta' Ġunju 2001 u minflok prevja li tiċħad l-istess talba attriċi, tillibera lill-appellant nomine mill-osservanza tal-ġudizzju f'din il-kawża, u fin-nuqqas li tintlaqa' din l-ewwel talba appellanti, l-istess Qonorabbli Qorti hi umilment mitluba li tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2004, fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu illiberat lill-konvenut Taha Hussein Kuymizakis personalment mill-osservanza tal-

orders the appellant nominee to pay the same bill to a third person, or rather the plaintiffs, that during no stage of these proceedings did they bring forward the slightest proof that they had a mandate to pay the carpenter for any works which had been carried out and that the said payment had effectively been carried out by them.

.....Omissis.....

From this fact, it results clearly that the plaintiff never had a mandate from the appellant.

.....Omissis.....

That in our jurisprudence it is upheld, that the person alleging a mandate has the duty to proof the said mandate. As précised, there is no doubt, that a person alleging a mandate has to proof it. This was so upheld by the Court of Commercial Appeal, in the judgment in the names 'Ethel Farrugia vs Albert Von Brocdorff noe' decided on the 5th February 1971; and in the judgment given by the same Honourable Court in the names 'George Debono noe vs Edgar Pugliesevich noe', on the 9th April 1976. That in the present case, the respondent plaintiff brought forward no proof that he had a mandate to pay Galea for works he had carried out;

.....Omissis.....

That finally the appellant humbly submits that in terms of Article 1864 of the Civil Code, the law sanctions that the mandatory can do nothing to exceed the limits of the mandate, and that the mandator in terms of Article 1880 (2) of the Civil Code is not bound for what the mandatory has done in excess of those powers. This position was upheld by the Court of Appeal in the judgment in the names 'Carmen Aquilina et vs Edgar Ellul et' decided on the 17th March 2003 (29/1995PS).

.....Omissis.....

Thus the appellant nominee, whilst making reference to all the acts of this cause and the evidence brought forward and he reserves to bring forward other proof and submissions permitted to him by Law, prays with respect that this Honourable Court, shall in the first place annul and revoke the decree given by the Honourable Court of First Instance on the 12 th July 2001 in virtue of which the same Honourable Court upheld the plaintiff's claims in order the required correction be effected in the preliminary application on the 21st June 2001 and instead saving the rejection of the plaintiff's claim, frees, the appellant nominee from the observance of the judgment in this cause, and failing the upholding of the principal demand of the appellants, the same Honourable Court, is humbly asked to reform the judgment appealed given by the Honourable First Hall of the Civil Court of the 30th June 2004, in the names premised, whilst confirming it in so far as it freed the defendant Taha Hussein

ġudizzju tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellant nomine jħallas lill-atturi s-somma ta' Lm1,358.75 bl-imgħax mill-31 ta' Ottubru 2000, u minflok u prevja li tiddikjara illi l-appellant nomine mhuwiex debitur ta' l-atturi, tiċħad l-istess talbiet atturi fil-konfront ta' l-appellant nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi interament kontra l-appellati.

Kuymizakis personally from observing the judgment, revokes that part of the judgment appealed, whereby the Honourable Court of First Instance, condemned the appellant nominee to pay the plaintiffs the sum of Lm1,358.75 with interest from the 31st October 2000, and instead and saving the declaration that the appellant nominee is not the debtor of the plaintiffs, rejects the same plaintiff's claims against the appellant nominee, with costs of both instances entirely against the respondents.

Innotifika: Joseph u Maria Cauchi
Appartament 504, Blokk 50
Busietta Garden Village,
Fortizza Road, Madliena.

Notify: Joseph and Maria Cauchi
Apartment 504, Block 50
Busietta Garden Village,
Fortizza Road, Madliena.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Appelli Superjuri) illum 15 ta' Settembru 2004.

Registry of the Civil Courts (Superior Appeals) today 15th September 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1289

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Ġunju 2004, ġiet ordnata l-pubblikjazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th June 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Jannar 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Helen Portelli ta' 57, Triq San Ġiljan, Birkirkara thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u disa' liri Maltin u sebgħa u disgħajn ċenteżmu (Lm409.97) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Maltacom p.l.c., of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 29th January 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Helen Portelli of 57, Triq San Ġiljan, Birkirkara to pay the plaintiff company the sum of four hundred and nine Maltese liri and ninety seven cents (Lm409.97) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Talba Numru 257/04PBC) hija differita għall-15 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

The cause (Claim Number 257/04PBC) is put off on the 15th October 2004 at 12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Settembru 2004.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 15th September 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1290

Billi Ramadan Rashed ippreżenta Ċitazzjoni Numru 1170/03 RCP fejn talab korrezzjoni fl-Atti tat-Twelid tal-minuri Aidey Ramadan u Ahmed Ramadan Nru. 756/2001 u Nru. 1362/2000 rispettivament fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il jum mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija, bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2004.

CORA AZZOPARDI
għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Ramadan Rashed filed a Writ-of-Summons No. 1170/03 RCP demanding correction in the Acts of Birth of Aidey Ramadan and Ahmed Ramadan No. 756/01 and No. 1362/00 respectively in the Public Registry.

Whoseover may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filled in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazzette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, today, 16th September 2004.

CORA AZZOPARDI
for Registrar, Civil Court & Tribunals

1291

Billi Nachete Khadija ippreżentat Ċitazzjoni Numru 303/04 RCP fejn talbet korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri Ryan Youssef Nru. 2204/2004 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il jum mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija, bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2004.

CORA AZZOPARDI
għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Nachete Khadija filed a Writ-of-Summons No. 303/04 RCP demanding correction in the Act of Birth of Ryan Youssef No. 2204/04 in the Public Registry.

Whoseover may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filled in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazzette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, today 16th September 2004.

CORA AZZOPARDI
for Registrar, Civil Court & Tribunals

1292

Billi Aldo Debono ippreżenta Ċitazzjoni Numru 302/04 RCP fejn talab korrezzjoni fl-Atti tat-Twelid tal-minuri Shawna u Nathan Nru. 3058/2002 u Nru. 3059/2002 rispettivament fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il jum mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija, bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2004.

CORA AZZOPARDI
għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Aldo Debono filed a Writ-of-Summons No. 302/04 RCP demanding correction in the Acts of Birth of Shawna and Nathan No. 3058/2002 and No. 3059/2002 respectively in the Public Registry.

Whoseover may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filled in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, today, 16th September 2004.

CORA AZZOPARDI
for Registrar, Civil Court & Tribunals

1293

Billi Arthur Douglas Turner ippreżenta ċitazzjoni (Nru. 307/04 GCD) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID (li jġib in-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni 0638451) fir-Reġistru Pubbliku u li ser tinstema nhar il-Ġimgha, 22 ta' Ottubru, 2004, fl-10.00 a.m. fl-Awla 21.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smiegħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2004.

ANTONELLA CASSAR
Deputat Reġistratur

Whereas Arthur Douglas Turner filed a writ-of-summons (No. 307/04 GCD) demanding CORRECTIONS in the ACTS OF BIRTH (bearing the progressive number of the writing 0638451) in the Public Registry to be heard on Friday, 22nd october, 2004, at 10.00 a.m. in Hall 21.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, this 16th day of September, 2004.

ANTONELLA CASSAR
Deputy Registrar

1294

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-7 ta' Lulju, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors preżentat fis-16 ta' April, 2004, minn Bank of Valletta p.l.c., qed jintalab il-bejgħ b'Subbasta ta' l-appartament internament markata bin-numru 3, formanti parti minn blokk ta' bini magħruf bħala 'Citizens Court', fi Triq il-Granmastri, Wied il-Għajn. L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Raymond u Sonia miżżewġin Psaila.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 7th July, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application filed by Bank of Valletta p.l.c. on the 16th April, 2004, is asking for a Sale by Auction of apartment internally marked 3, forming part of a block of flats known as 'Citizens Court', in Triq il-Granmastri, Marsascala. The said property belongs to Raymond and Sonia spouses Psaila.

Registry of the Superior Courts, today the 13th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1295

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' Paul Grech et. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 28 ta' Ottubru, 2004, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ IN LICITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tal-25 ta' Settembru, 2003 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-propjetà hawn taħt deskritta:-

L-art tal-kejl ta' cirka 1939.5 metri kwadri, aċċessibbli minn sqaq li jagħti għal Triq Wied il-Għajn, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn, magħrufa bħala 'Tat-Tenedin' jew 'Ta' Wied il-Għajn', fil-kontrada magħrufa bħala 'Ta' l-Għargħar tas-Salib', stmat li jiswa Lm4,500.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lill-kollekċitanti kollha msemmija fl-Atti.

L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Frederick C. Doublet fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-31 ta' Mejju, 2004.

F'dan il-bejgħ barranin ma jistgħux joffru.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-14 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 28th June, 2004 on the application of Paul Grech et.; Thursday 28th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE IN LICITATION ordered by judgement given on the 25th September, 2003 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

Land measuring superficially 1939.5 square metres, accessible from an alley abutting on Triq Wied il-Għajn, in the limits of Żabbar and Marsascala, known as 'Tat-Tenedin' or 'Ta' Wied il-Għajn', in the district of 'Ta' l-Għargħar tas-Salib', valued at Lm4,500.00c0.

The said property belongs to all the collictators named in the same Acts.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by frederick C. Doublet A&CE on the 31st May, 2004.

In this sale by licitation extraneous parties are forbidden.

Registry of the Superior Courts, this 14th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1296

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-24 ta' Awissu, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors preżentat fl-14 ta' Lulju, 2004, minn Bank of Valletta p.l.c., qed jintalab il-bejgħ b'Subbasta tal-ħanut bla numru, magħruf bħala 'Compuware', fi Triq ir-Riħan, il-Fgura. L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Jason Coleiro.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 24th August, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application filed by Bank of Valletta p.l.c. on the 14th July, 2004, is asking for a Sale by Auction of unnumbered shop known as 'Compuware', in Triq ir-Riħan, Fgura. The said property belongs to Jason Coleiro.

Registry of the Superior Courts, today the 13th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1297

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tad-19 ta' Lulju, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta p.l.c., fil-11 ta' Mejju, 2004, qed tintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm3000.00c0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-garaxx internament markat bin-numru 35, ġo bitħa privata mingħajr numru li tiżbokka f'Telgħet tal-Ġiżwiti, il-Marsa; miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-20 ta' April, 2004, appartenenti lil J.A. Cassar Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-15 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 19th July, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Set-Off filed contemporaneously by the Bank of Valletta p.l.c. on the 11th May, 2004, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm3000.00c0 being the purchase price of garage marked 35, situated in a yard abutting on Telgħet tal-Ġiżwiti, Marsa, belonging to J.A. Cassar Limited, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 20th April, 2004.

Registry of the Superior Courts, today the 15th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1298

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 160/2002 fl-ismijiet:-

It is hereby notified that by a decree of the 22nd January, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No.: 160/2002 in the names:-

Bank of Valletta p.l.c.

vs

Foodware Limited

Imħallef: Onor Dott. Gino Camilleri, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta 25 ta' Mejju, 2004 favur ta' Bank of Valletta p.l.c. bil-prezz ta' Lm4000.00c0, Lm3000.00c0, Lm3500.00c0 u Lm2500.00c0 rispettivament għall-fondi hawn taħt imsemmija li jappartjenu lil Foodware Limited, u cioè:

1. Il-garaxx b'numru 11 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm6750.00c0.

2. Il-garaxx b'numru 13 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm7000.00c0.

3. Il-garaxx b'numru 15 sitwat f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, stmat li jiswa Lm8500.00c0.

4. Il-garaxx jismu 'Foodware' fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, kif soġġett għas-subċens anwu u perpetwu ta' Lm5.00c0 smat Lm7500.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mill-liġi Edward Camilleri kiser il-kwindena u offra Lm4120.00c0 għal-ewwel fond, Lm3090.00c0 għat-tieni fond u Lm3660.00c0 għat-tielet fond fuq imsemmi; u Emanuel Camenzuli kiser il-kwindena u offra Lm2700.00c0 għar-raba' fond fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fondi hawn fuq imsemmija, il-jum tat-Tlieta 19 ta' Ottubru, 2004, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberitarju u dawk li offrew l-aħħar.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Bank of Valletta p.l.c.

vs

Foodware Limited

Honourable Dr Gino Camilleri, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday 25th May, 2004 in favour of Bank of Valletta p.l.c. for the price of Lm4000.00c0, Lm3000.00c0, Lm3500.00c0 and Lm2500.00c0 respectively for the under-mentioned properties belonging to Foodware Limited , namely:

1. Garage internally marked 11 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm6750.00c0.

2. Garage internally marked 13 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm7000.00c0.

3. Garage internally marked 15 situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, valued at Lm8500.00c0.

4. Garage known as 'Foodware', Ignazio Saverio Mifsud Street, Birkirkara, being subject to the annual and perpetual sub-groundrent of Lm5.00c0, valued at Lm7500.00c0.

Whereas Edward Camilleri interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm4120.00c0 for the first said tenement, Lm3090.00c0 for the second said tenement and Lm3660.00c0 for the third said tenement; and Emanuel Camenzuli interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm2700.00c0 for the fourth said tenement.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday the 19th day of October, 2004, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidders.

Registry of the Superior Courts, today the 13th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1299

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2004 ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju 2004 lil Giovanni Maria Azzopardi u Mary Azzopardi, Roberta De Angelis (Passaport Taljan numru 048265W) bħala mandatarja speċjali u għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Anna Lisa Lusuardi tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-istess Annalisa Lusuardi fl-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq Għajn Tuffieħa, San Pawl il-Baħar, f'Lulju tas-sena 2000 meta inti Giovanni Maria Azzopardi investejt, bil-vettura tagħkom Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni EAH 582, lill-istess Annalisa Lusuardi bil-vettura taghha Piaggio Sfera bin-numru ta' reġistrazzjoni GAK 062, liema kolliżjoni seħħet unikament minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek Giovanni Maria Azzopardi.

Il-mittenti nomine tinformakom illi l-istess Annalisa Lusuardi sofriet ukoll disabilità permanenti u għalhekk ukoll id-danni reklamati huma inġenti.

Jekk tonqsu jittieħdu passi ġudizzjarji kontra tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Ġunju 2002.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklużivament, għall-fini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Intimati: Giovanni Maria Azzopardi, "Maple Leaf",Triq Pierre Muscat, ir-Rabat (Malta).

Mary Azzopardi, "Maple Leaf", Triq Pierre Muscat, ir-Rabat (Malta).

Reġistru tal-Qrati Ċivili, illum 17 ta' Settembru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 15th July 2004 ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Court on the 22nd June 2004, against Giovanni Maria Azzopardi and Mary Azzopardi, Roberta De Angelis (Italian Passport number 048265W) as special mandatory and in the name and in representation of the absent Annalisa Lusuardi calls upon you so that within two days you come forward for the liquidation and payment of damages suffered by the same Annalisa Lusuardi in the car accident which occurred in Għajn Tuffieħa Road, Saint Paul's Bay, in July of the year 2000 when you Giovanni Maria Azzopardi hit by means of your vehicle Ford Transit registration number EAH 582, the same Annalisa Lusuardi, with her vehicle Piaggio Sfera with registration number GAK 062, which collision occurred solely due to carelessness, negligence and non-observation of the traffic regulations on your part Giovanni Maria Azzopardi.

The interpellant nominee informs you that the same Annalisa Lusuardi suffered a permanent disability and thus the damages claimed are substantial.

If you fail judicial action will be taken against you without any further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs, including those of the judicial letter dated 24th June 2002.

This calling is being made for all purposes and effects at law and particularly but not exclusively for the purposes of Article 2153 of the Civil Code.

Respondents: Giovanni Maria Azzopardi, "Maple Leaf", Pierre Muscat Street, Rabat (Malta).

Mary Azzopardi, "Maple Leaf", Pierre Muscat Street, Rabat (Malta).

Registry of the Civil Courts, today 17th September 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1300

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Ġunju, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-11 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC. ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-8 ta' Ottubru, 2003 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand JAMES ROBERT.

1. Polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja numru 00295 ma' l-Assicurazioni Generali S.P.A.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 15th June, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 11 June, 2004 on the application of BANK OF VALLETTA PLC., Wednesday, 27 October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8 October, 2003 to be held at THE CORRIDORS OF THE COURTS JUSTICE, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA of the following items seized from the property of JAMES ROBERT.

1. Life assurance policy number 00295 of Assicurazioni Generali S.P.A.

Registry of the Superior Courts, today the 13th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1301

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-24 ta' Awissu, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta p.l.c., fil-31 ta' Mejju, 2004, qed tintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm9000.00c0 prezz komplessiv minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant taż-żewġ garaxxijiet bin-numri 10 u 12, it-tnejn sitwati f'bitħa komuni li tiżbokka fi Triq l-Għollieq, Santa Venera; miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2004, appartenenti lil Foodware Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-15 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 24th August, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Set-Off filed contemporaneously by the Bank of Valletta p.l.c. on the 31st May, 2004, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm9000.00c0 being the purchase price of two garages marked 10 and 12, both situated in a common yard abutting on Triq l-Għollieq, St. Venera, belonging to Foodware Limited, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 25th May, 2004.

Registry of the Superior Courts, today the 15th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1302

IKUN jaf kulhadd illi b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2004 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Pater Finance Co. Ltd., fit-13 ta' Novembru, 2003, qed tintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm500.00c0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-karozza 'Fiat Bravo' numru tar-reġistrazzjoni EKE-031; miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 2003, appartenenti lil Guido u Johanna miżżewġin Critien.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum il-15 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th January, 2004 given by the Magistrates Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Set-Off filed contemporaneously by Pater Finance Co. Ltd. on the 13th November, 2003, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm500.00c0 being the purchase price of vehicle 'Fiat Bravo' registration number EKE-031, belonging to Guido and Johanna spouses Critien, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 11th November, 2003.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), today the 15th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1303

IKUN jaf kulhadd illi b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors preżentat fis-17 ta' Ottubru, 2003, minn Agrimed Limited, qed jintalab il-bejgħ b'Subbasta ta' biċċa art tal-kejl ta' cirka 475 metri kwadri, formanti parti mill-art magħrufa 'Ta' l-Iskorra l-Kbira', limiti taż-Żejtun, bir-rata ta' ċens annwu u temporanju. L-imsemmija propjetà tappartjeni lil John Seychell.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Settembru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 11th July, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application filed by Agrimed Limited on the 17th October, 2003, is asking for a Sale by Auction of portion of land measuring superficialy 475 square metres, forming part of lands known as 'Ta' l-iskorra l-Kbira' in the limits of Żejtun, being subject to its share of an annual and temporary ground-rent. The said property belongs to John Seychell.

Registry of the Superior Courts, today the 13th day of September, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*